**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 121/2018PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Doneo Rosario**
**(ID Nru. 921344(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 t'April, 2018 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sbatax-il Ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€817.21) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40306985, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1884/15, u bl-imghaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-istatement datat 7 t'April, 2015 (Dok. 'A'), il-kuntratt relattiv (Dok. 'B'), estratt mir-

Registru Elettorali (Dok. 'C') u kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 1884/14 mahruga mis-socjeta` attrici taht l-art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija fl-istess seduta tal-10 ta' Mejju, 2018 li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont mitlub ghadu kollu dovut peress li ma saru ebda pagamenti mill-intimat u li lanqas ma sar ebda kuntatt minn naha tieghu f'dan ir-rigward.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018 u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi in vista tad-dokumenti ezebiti a sostenn tat-talba u kif ukoll tax-xhieda moghtia minn Charmaine Psaila Raji in rapprezentenza tas-socjeta` attrici jirrizulta li s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-intimat fl-ammont mitlub li ghadu kollu dovut mill-intimat.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mit-13 t'April, 2018 data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' tmin mija u sbatax-il euro u wiehed u ghoxrin

centezmi (€817.21) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40306985, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1884/15 bl-imghaxijiet legali fuq l-istess sorte sa mit-13 t'April, 2018.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**